MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 361/2005

**Vodafone Malta Limited (C-10865) u s-socjeta' Mobisle Communications Limited (C-24655) li b'digriet tad-19 ta' Settembru 2005 giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza.**

**vs.**

**L-Avukat Generali,**
**Il-Kontrollur tad-Dwana,**
**Il-Ministru tal-Finanzi,**
**L-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' April 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b' **Att Numru II ta' l-2005** li gie mghoddi mill-Parlament Malti fl-1 ta' Marzu 2005, safa provdut fit-termini tal-**artikoli 40 u 41** ta' l-istess Att li ghandha tigi mposta taxxa ta' sisa 3 % fuq "*mobile telephony services*" u li ghandha tizdied it-Taqsima G tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' telefonija mobbli kif ipprovdut fl-istess Att;

Illi l-effett ta' tali legislazzjoni hija ghalhekk li tigi imposta taxxa gdida fuq is-servizzi tat-telefonija mobbli li ma kinetx kontemplata fil-ligi qabel, u cioe` t-taxxa tas-sisa ta' 3% fuq "*mobile telephony services*";

Illi s-settur tal-kominikazzjoni elettronika fil-Unjoni Ewropea huwa settur regolat mill-istess Unjoni u dan permezz ta' sensiela ta' direttivi lill-istati membri liema sett ta' direttivi huma intizi biex jkomplu jilliberalizzaw is-suq f' dan is-settur;

Illi fost dawn id-direttivi hemm id-Direttiva 2002/20 *("The Authorisation of Electronic Communications networks and services Directive")* (ippubblikata fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea, ref OJ L 108, 24.4.2002 p.21) kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata dokument "A", liema direttiva hija fil-qasir imsejha *"The Authorization Directive';*

Illi l-**artikoli 12 u 13** ta' l-istess Direttiva jipprovdu kif gej:-

***Artikolu 12***

*Hlasijiet amministrattivi*

*1. Kull hlas amministrattiv impost fuq imprizi li jfornu servizz jew network taht l-awtorizzazzjoni generali jew li lilhom ikun inghata dritt ta' uzu, ghandu;*

*(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjez amministrattivi maghmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema tal-awtorizzazzjoni generali u tad-drittijiet ta' uzu u l-obbligi specifici kif imsemmija f'* ***Artikolu 6 (2),*** *li jistghu jinkludu spejjez ghall-kooperazzojni internazzjonali,*

*armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analizi tas-suq, solveljanza tal-konformita` u kontrolli ohra tas-suq, kif ukoll hidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' legislazzjoni sekondarja u decizjonijiet amministrattivi, bhal decizjonijiet dwar l-access u l-interkonnessjoni; u*

*(b) jigi impost fuq imprizi ndividwali b'mod oggettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjez amministrattivi addizzjonali u l-hlasijiet li jgibu maghhom.*

*2. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu hlasijiet amministrattivi, ghandhom jippublikaw rapport ta' kull sena ta' l-ispejjez amministrattivi taghhom u tas-somma totali ta' hlasijiet migbura. Fid-dawl tad-differenza bejn is-somma totali tal-hlasijiet u l-ispejjez amministrattivi, ghandhom isiru l-aggustamenti xierqa.*

***Artikolu 13***

*Tariffi ghad-drittijiet ta' uzu u drittijiet ghall-installazzjoni ta' facilitajiet*

*L-Istati Membri jistghu jippermettu lill-awtorita` relevanti li timponi tariffi ghad-drittijiet ta' uzu ghall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jigu stallati facilitajiet fi, minn fuq jew taht proprjeta` jew pubblika jew privata li jirriflettu l-htiega li jigi zgurat l-aqwa uzu ta' dawn ir-rizorsi. L-Istati Membri ghandhom jizguraw li dawk it-tariffi ghandhom ikunu oggettivament gustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop mahsub taghhom u ghandhom jiehdu kont tal-miri f'* ***artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE*** *(Direttiva Kwadru).*

Illi skont 'il fuq imsemmija direttiva, u in partikulari l-artikoli fuq citati, fost affarijiet ohra, jirregolaw it-tip ta' impost fiskali u mizati li l-gvernijiet nazzjonali jistghu jimponu fuq l-operaturi awtorizzati f'dan is-settur;

Illi l-impost fiskali u mizati li jistghu jigu hekk imposti jinqasmu, kif jirrizulta evidentement mill-artikolu fuq citati, f' zewg kategoriji: wahda ta' imposti amministrattivi u l-

ohra mizati ghad-dritt tal-uzu ta’ risorsi skarsi jew limitati bhal *radio frequencies and numbers;*

Illi d-direttivi jimponu li l-imposti amministrattivi ghandhom jkunu limitati ghall-ispiza attwali biex ir-regolatur tas-settur jiggestixxi s-sistema ta’ awtorizzazzjoni nnifisha u biex jalloka d-dritt ta’ uzu;

Illi kif gia` gie awtorevolment ritenut mill-Qorti tal-Gustizzja ta’ l-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva tipprojbixxi stati membri milli jimponu oneri finanzjarji ohra apparti dawk jew b’zieda ma’ dawk espressament permessi fl-istess Direttiva;

Illi dawn l-imposti ammininstrattivi u mizati huma gja` koperti mil-ligi maltija u jithallsu ghat-tenur tal-Hdax-il Skeda fl-**Avviz Legali 412 ta’ l-2004** imsejjah “Regolamenti ta’ l-2004 dwar *Networks* u Servizzi ta’ Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali)” (annessi bhala Dok. “B”);

Illi ghalhekk l-Att fuq imsemmi li introduca t-taxxa tas-sisa ta’ 3% fuq “*mobile telephony services*” u zied it-Taqsima G kif fuq inghad, qieghed jimponi taxxi godda, hekk imsejhin taxxi tas-sisa, li ma humiex imposti amministrattivi jew mizati kif definiti u fil-limit kontemplati fid-direttivi fuq imsemmija, u b’dan il-mod qieghed jsir bi ksur tal-istess Direttiva billi jimponi fuq is-Servizi ta’ Telefonija Mobbli taxxi li skont l-istess direttiva ma jistghux jigu imposti fuq l-operaturi f’dan is-settur; billi ghalhekk, din it-taxxa tas-sisa hija oneru finanzjarju iehor b’zieda ma’ l-oneri finanzjarji permessi mid-direttiva kif fuq gia` inghad;

Illi dawn id-Direttivi u l-provedimenti taghhom, u in partikulari l-**artikoli 12 u 13** fuq citati , huma bizzejjed cari, precizi u minghajr kondizzjonijiet biex ikollhom effett dirett fil-pajjiz membri tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk ghandhom effett dirett f’tali pajjizi inkluz Malta u ghaldaqstant kull persuna tista’ tavalixxi ruhha mid-drittijiet u obbligi li johorgu minn tali Direttivi;

Illi l-atturi huma operaturi ta’ servizzi ta’ telefonija mobbli u ghandhom l-awtorizzazzjonijiet kollha mehtiega fil-ligi biex joperaw f’dan is-settur, u ghat-tenur u b’konsegwenza ta’ ‘l fuq imsemmijin **artikoli 40 41 ta’ l-Att II ta’ l-2005**, ser jigu kostretti jhallsu skont il-ligi, liema taxxi ma humiex permessi skont id-Direttiva Ewropea fuq citata;

Illi ghalhekk l-Att fuq imsemmi gie mghoddi mill-Parlament bi ksur tad-Direttiva Ewropea fuq imsemmija u bi ksur ta’ l-obbligu tal-Gvern Malti taht it-Trattat ta’ Adezjoni ta’ Malta’ fl-Unjoni Ewropea (u li ffirmat f’Ateni fis-16 ta’ April 2003) liema Trattat ghandu effett ta’ ligi f’Malta permezz ta’ l-**artikoli 3 u 4 ta’ l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta’ Malta**; u billi skont u a tenur ta’ l-**artikolu 2 tat-Trattat ta’ Adezjoni**, mid-data ta’ l-adezjoni d-dispozizzjonijiet tat-Trattati originali u l-atti adotti mill-Istituzzjonijiet u l-Bank Centrali Ewropew qabel l-Adezjoni ghandhom jorbtu l-istati membri l-godda u ghandhom jobbligaw dawk l-Istati membri bil-kondizzjonijiet kif imnizzla f’ dawk it-Trattati u f’ dak l-Att;

Illi l-istess Parlement Malti ma ghandux il-poter li jaghmel ligijiet li jikkonfliggu ma’ l-obbligi ta’ Malta taht it-Trattati u atti Ewropej u dan kif jirrizulta u a tenur ta’ l-**artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

(1) Tikkundanna null u bla effett l-**artikoli 40 u 41 ta’ l-Att numru II ta’ l-2005** billi *ultra vires* il-poteri tal-istess Parmlament Malti ghat-tenur tal-**artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni** u lesiv u in konflitt mad-Direttiva 2002/20 tal-Unjoni Ewropea, u in partikolari l-**artikoli 12 u 13** ta’ l-istess, kif ukoll in konflitt mal-obbligi ta’ Malta naxxenti mill-istess Direttiva u imposti bit-Trattat ta’ Adesjoni ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea u bil-**Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan kif spjegat hawn fuq;

B’ riserva ta’ kull dritt spettanti lill-atturi ghar-rifusjoni ta’ kull hlas ta’ sisa minnha maghmul meta ma kienx legalment dovut;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-1 ta’ April 2005.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Vodafone Malta Limited (C-10865) a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 8 sa fol. 28 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Noel Cuchieri ghas-seduta tal-18 ta’ Mejju 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, l-Avukat Generali, tal-Kontrollur tad-Dwana, u tal-Ministru tal-Finanzi datata 16 ta’ Mejju 2005 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, illi l-kumpanija attrici ma ghandhiex interess guridiku biex timpunja t-taxxi tas-sisa in kwistjoni *stante* illi din it-taxxa fil-fatt ma tithallasx minnha izda mill-ultenti tas-servizzi tat-telefonija mobbli.

2. Subordinatament u minghar pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hija sgwidata peress illi d-Direttiva 2002/20 m’ghandhiex ‘effett dirett’ f’Malta u *di piu`* l-imsemmija Direttiva giet trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici (**Kap 399**) u l-Att ghat-Twaqqif ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni (**Kap 418**) u ghalhekk, skont il-principju tas-sussidjarjeta`, l-kumpanija attrici jmissha, *se mai*, ibbazat l-azzjoni odjerna fuq l-imsemmija ligijiet domestici Maltin u ma tistax tibbazaha fuq l-allegat ‘effett dirett’ ta’ Direttiva li fil-fatt gie trasposta.

3. Subordinatament u minghajr prgudizzju ghall-premess, illi t-talbiet tal-kumpanija attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* illi l-**artikolu 40 u 41 ta’ l-Att numru II** ta’ l-2005 la huma *ultra vires* il-poteri tal-Parlament Malti, illi huwa *del resto* sovran dwar kif jinterpreta u jimplimenta l-elementi

elenkati fl-**Aritkolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni**, u lanqas ma huma in konflitt mad-Direttiva 2002/20 tal-Unjoni Ewropea jew ma l-obbligi ta’ Malta taht it-Trattat ta’ Adezjoni fl-Unjoni Ewropea jew mal-**Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Avukat Generali tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Ministru tal-finanzi a fol. 34 sa fol. 36 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` ta’ Malta ghall-Komunikazzjoni datata 18 ta’ Mejju 2005 a fol. 37 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` konvenuta teccepixxi illi mhijiex legittima kuntradittur *stante* li mhijiex l-awtorita` kompetenti u responsabbli ghat-tfassil u, jew emendar tal-**artikoli 40** u, jew **41 ta’ l-Att numru II ta’ l-2005** citata fl-att tac-citazzjoni – liema artikoli allura emendew r-Raba’ u Sitt Skedi ta’ l-Att dwar Dazju tas-Sisa (**Kap.382 tal-Ligijiet ta’ Malta**) – ligi li *del resto* lanqas biss hi ammistrata mill-Awtorita` eccippjenti – u ghalhekk l-Awtorita` ma ghandha l-ebda poter legali li tista’ temenda din il-ligi.

Illi l-Awtorita` ntimata ma ghandha l-ebda rwol jew sehem fl-implimentazzjoni ta’ dawn id-dispozizzjonijiet ligali.

Illi l-Awtorita` la hi responsabbli biex tigbor l-“imposti” u lanqas ma ghandha xi rwol fil-ligi li tiehu hsieb jew tassisti ghall-gbir ta’ dawn l-“imposti”.

Illi dawn il-punti diga` gew rilevati fl-ittra ufficjali ta’ l-Awtorita` konvenuta datata 20 ta’ April 2005 debitament notifikata lis-socjeta` attrici u ghaldaqstant it-talbiet odjerni huma manifestament frivoli u vessatorji fil-konfront ta’ l-Awtorita` konvenuta.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ma ghandhiex interess guridiku biex timpunja t-taxxa tas-

sisa in kwistjoni *stante* illi din it-taxxa ma tithallasx minnha izda mill-utenti tas-servizzi tat-telefonija mobbli.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost hi kontestata l-asserzjoni tas-socjeta` attrici li d-direttiva *de quo*, ossia l-*Authorisation Directive (Directive 2002/200/EC of the European Parlament and of the Council of 7 March 2007)* ghandha effett dirett bhala parti mil-ligi Maltija.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-*Authorisation Directive (Directive 2002/20/EC of the European Parlament and of the Council of 7 March 2002)* ma tapplikax ghall-kaz in kwistjoni billi hija intiza biex tirregola *inter alia* dawk il-“hlasijiet amministrattivi” u “tariffi ghad-drittijiet ta’ uzu u drittijiet ghall-installazzjoni ta’ facilitajiet” (ara dokument “A” anness mac-citazzjoni odjerna, **Artikoli 12 u 13**), li jistghu jigu imposti minn gvernijiet nazzjonali fil-konfront ta’ operaturi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici ghall-awtorizzazzjoni generali u drittijiet ta’ uzu u installazzjoni ta’ facilitajiet, u dan a distinzjoni ta’ l-“imposti fiskali” imsemmija mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni odjerna. Ghalhekk din id-Direttiva ma tista’ qatt tigi interpretata b’ tali mod li teskludi l-poter tal-awtoritajiet governattivi kompetenti li jesigu hlas ta’ dazji, ossia imposti fiskali.

5. Illi f’ kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali tal-20 ta’ April 2005 fir-rigward tas-socjeta` attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Kominikazzjoni a fol. 39 sa fol. 41 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Mobisle Communications Limited (C-24655) datat 30 ta’ Awwissu 2005 a fol. 58 tal-process fejn is-socjeta` rikorrenti talbet li tintervjeni fil-kawza u permezz ta’ digriet datat 19 ta’ Settembru 2005 a fol. 64 tal-process tali talba giet milqugha.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-12 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u x-xhieda quddiemha prodotta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Vodafone Malta Ltd. datata 8 ta’ Awwissu 2006 a fol. 158 tal-porcess.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Avukat Generali, tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Ministru tal-Finanzi datata 2 ta’ Ottubru 2006 a fol. 167 tal-porcess.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-komunikazzjoni datata 2 ta’ Ottubru 2006 a fol. 176 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Vodafone Malta Limited prezentata fis-seduta tat-8 ta’ April 2008 a fol. 220 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Kumunikazzjoni ghan-nom ta’ sottomissjonijiet tal-Vodafone Malta Limited. Datata 25 ta’ April 2008 a fol. 228 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2008 fejn il-kawza giet differita gha-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda talba sabiex jigu annullati l-**artikoli 40 u 41 ta' l-Att Numru II ta' l-2005** peress li s-socjeta' attrici qed tallega illi dawn huma *ultra vires* ghal poteri tal-Parlament Malti a tenur ta' l-**artikolu 65 (1) tal-Kostituzzjoni** kif ukoll huma in kunflitt mal- **artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20 ta' l-Unjoni Ewropea** espressament citata fl-azzjoni attrici.

Illi s-socjeta` attrici qed tibbaza t-talba taghha wkoll fuq il-premessa illi dawn l-artikoli huma in konflitt ma' l-obbligi ta' Malta impost fuq bit-Trattat ta' Adesjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u permezz tal-**Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi t-**Taqsima IX ta' l-Att II ta' 2005** introduciet diversi emendi fl-**Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta),** fosthom emendi fl-iskedi ta' dan l-Att. Fil-fatt, **l-artikoli 40**, l-ewwel artikolu ilmentat mis-socjeta` attrici u s-socjeta` intervenjenti, jintroduci skeda ohra u cioe` il-Hames Skeda, liema skeda tistabilixxi dazju tas-sisa ta' tlieta fil-mija (3%) fuq *"mobile telephony services" ("Leasing of Lines and top up vouchers").* **L-artikolu 41** izid Taqsima G fis-sitt Skeda ta' l-Att illi tipprovdi regolamenti dwar servizzi ta' telefonija mobbli.

Illi mix-xhieda ta' John Mifsud bhala l-Kontrollur tad-Dwana (26.10.2005) jirrizulta li din hija fil-fatt taxxa li ma ghandha x'taqsam xejn ma' l-ispejjez ta' amministrazzjoni jew inkonnessjoni mal-provista tal-istess servizzi li ghandhom l-istess fornituri tal-imsemmija servizzi u ma hijiex relatata ma' tali spejjez amministrattivi; tinhadem fuq l-ammont ta' servizz li jkun attwalment inbiegh, li jikkomprendi l-ammont ta' *cost* u l-profit u dan tigi mposta fuqu rata 3% bhala taxxa tas-sisa *(excise duty)* u mbaghad fuq l-ammont rizultanti tigi mposta wkoll VAT ta' 18% (fol.80).

Illi ta’ l-istess portatat hija x-xhieda ta’ Edmond Brincat (fol.83) fejn dan jghid li din r-rata ta’ taxxa tithallas mill-operaturi skond il-ligi, pero’ attwalment din tigi moghodija lill-konsumatur li finalment ihallas ghaliha huwa.

Illi l-istess Edmond Brincat, kontrollur finanzjarju tal-Go Mobile (26.10.2005) sostna li l-istess imposizzjoni ta’ taxxa effettwathom peress li meta gholliet il-VAT mir-rata ta’ 15% ghall wahda ta’ 18%, il-kumpanija kienet iddecidiet li tassorbi tali zieda u ghalhekk ma aggustatx it-tariffi taghha b’dan din kienet tfisser spiza zejda ghas-socjeta’ ta’ Lm200,000. L-ammont ta’ Taxxa ta’ Sisa li kien gie mhabbar fil-budget fis-sena 2004 kien ta’ l-istess ammont ta’ 3% u allura kellhom isiru aggustamenti fit-tariffi ghaliex allura kien ifisser li l-istess socjeta’ kienet ser issofri spiza ohra ta’ Lm200,000. Kien hemm diffikultajiet sabiex l-istess sistema tiddahhal anke minhabba li 90% tas-suq tat-telefonija cellulari huwa mhallas bil-quddiem bhal *cards* u allura l-aggustament ghall-istess ma setghax ikun facli, izda fl-ahhar mill-ahhar dan wassal ghall-aggustament *tat*-tariffi u l-istess taxxa giet moghdija lill-konsumatur ghalkemm dan ifisser li ghalkemm l-konsumatur baqa’ jhallas l-istess prezz ghall-*cards* dan kien ikun qed inaqqas minn dak li jkun qed ihalli lill-operatur u dan anke bil-mod kif spjegat a fol. 83 *et seqiutur* tal-process.

Illi huwa xehed li ma rrizultax li kien hemm xi taxxa simili la fl-Unjoni Ewropea u lanqas fid-dinja (fol. 82) u jidher li l-istess socjeta’ mill-ewwel oggezzjonat ghall-imposizzjoni ta’ tali taxxa u hekk baqghet taghmel (Dok. “GM1” sa Dok. “GM 3”) minkejja l-fatt li ovvjament ikkonformat ruhha mal-ligi anke peress li fis-sena meta giet imposta l-istess taxxa ma kienx hemm zieda fl-infieq mill-konsumaturi *pre-paid*; minn naha l-ohra s-*subscribers* zdiedu pero’ dan certament minhabba fatturi ohra u mhux minhabba l-imposizzjoni tal-istess taxxa. Jidher li din it-taxxa ovvjament giet imposta fuq operaturi lokali u allura gew milquta il-persuni li ghandhom kuntratt mal-istess operaturi u allura t-turisti ma’ gewx milquta.

Illi mix-xhieda' ta' Joseph Tabone, Chairman tal-Malta Communcitions Authority (26.10.2005) qal li l-istess Awtorita' ma kienix konsultata mill-Gvern dwar l-imposizzjoni tal-istess taxxa u din hija ghall kollox separata u distinta mill-imposizzjoni ta' tariffi ta' licenzji u rati amministrattivi.

Illi jinghad illi d-**Direttiva 2002/20/EC** giet trasposta fil-ligi Maltija permezz ta' l-**Att XXXIII ta' l-1997** – l-**Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici [Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta]** u l-**Att dwar it-Twaqqif ta' Komunikazzjonijiet [Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta]** u l-iskop taghha kien li jiġi mplimentat suq intern fin-*networks* u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi faċilitat il-forniment tagħhom mal-Komunità kollha. Id-Direttiva tapplika għall-awtorizzazzjonijiet għall-forniment ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (**artikolu 1 tad-Direttiva**).

Illi min-naha taghhom il-konvenuti l-Avukat Generali, l-Kontrollur tad-Dwana u l-Ministru tal-Finanzi qed jibbazzaw il-kontestazzjoni taghhom fuq tliet binarji filwaqt illi l-awtorita` konvenuta u cioe` l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni qed tibbaza d-difiza taghha fuq il-fatt illi hija ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza oderjna.

Illi dwar il-punt ecceppiet nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta` attrici, il-konvenuti jissottomettu, li din it-taxxa, bhat-taxxa fuq il-Valur Mizjud, hija taxxa illi fil-fatt ma hijiex imposta fuq il-fornitur tas-servizz izda fuq il-konsumatur u ghalhekk ma hemmx interess guridiku da parti tas-socjeta` attrici u dik intervenjenti fil-kawza odjerna. Huma jibbazzaw din il-konstatazzjoni fuq il-fatt illi fiz-zewg kazi u cioe` kemm fil-kaz tal-Vodafone Malta Limited u kemm fil-kaz tal-Mobisle Communications Limited, din it-taxxa qed tingabar minghand il-konsumatur. Huwa fl-ahhar mill-ahhar  il-konsumatur li finalment qieghed ihallas t-tlieta fil-mija (3%) taxxa tas-sisa. Ghalhekk, skondthom, din it-taxxa hija piz fuq il-konsumatur u huwa l-istess konsumatur illi ghandu  interess illi jimpunjaha.

Illi fuq dan il-punt issir riferenza ghall-**Att II ta' l-2005** u senjatament ghar-**Regolament 5** li jipprovdi s-segwenti:

*"Il-persuna, azjenda, socjetà jew kumpanija li huma debitament registrati mal-Kontrollur ikunu responsabbli ghall-hlas tad-dazju tas-sisa kif specifikat fl-artikolu 3 ta' l-Att, fiz-zmien li jkun dovut il-hlas tad-dazju tas-sisa."*

Illi dan ir-regolament jipprovdi b'mod car, li din il-Qorti thoss ma jaghti lok ghall-ebda interpretazzjoni, li l-obbligu tal-hlas tat-taxxa tas-sisa huwa mpost fuq dik il-persuna, azjenda, socjetà jew kumpanija li hija debitament registrata mal-Kontrollur. Huwa wkoll car mill-provi mressqa li s-socjeta' attrici hija debitament registrata mal-Kontrollur bhala fornitur tas-servizz u dan japplika wkoll ghas-socjeta' intervenuta fil-kawza u ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-obbligu tal-hlas ma qieghedx fuqhom *qua* persuni registrati, minkejja illi din it-taxxa fl-ahharnett tigi mhallsa mill-konsumatur u ghalhekk din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku qed tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' effett dirett tad-**Direttiva 2002/20/EC** jinghad li l-konvenuti qed jeccepixxu illi d-**Direttiva 2002/20/EC** m'ghandhiex effett dirett f'Malta u li *di piu`* din id-Direttiva giet trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-**Kap. 399** u l-**Kap. 418** u ghaldaqstant is-socjeta` attrici kellha tibbaza l-kawza fuq il-ligi domestika.

Illi in kwantu ghal dak illi l-eccezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda n-nuqqas ta' effett dirett tad-Direttiva 2002/20 f'Malta, jinghad illi ***T.C. Hartley*** fil-ktieb **"The Foundations of European Community Law"** (4th Edition (Oxford - pg. 187), ifisser 'effett dirett' fl-ambitu tal-ligi Ewropeja bhala dak id-dritt lill-individwu li jemani minn disposizzjoni Ewropea u jghid hekk:-

*"The European Court has, on numerous occasions, made clear what is meant by this (direct effect): if a legal provision is said to be directly effective, it is meant that it grants individuals rights which must be upheld by national courts."*

Illi l-principju ta' l-effett dirett proprju inholoq mill-Qrati Ewropej sabiex l-individwi fl-Istati Membri jkunu jistghu jipprevalixxu ruhhom minn dritt mghoti lilhom permezz tal-Ligi Ewropea, liema ligi pero` ma tkunx giet adottata mill-Istat Membru. Fil-fatt ir-*raison d'etre* ta' dan il-principju huwa illi l-ebda individwu ma ghandu jigi ppregudikat minhabba in-nuqqas ta' l-Istat Membru illi jadotta ligi Ewropeja (Ara l-kaz **"Van Duyne"** – Kaz 41/74, [1974] ECR 1337).

Illi wiehed irid jaghmel kunsiderazzjonijiet rigward liema disposizzjonijiet tal-Ligi Komunitarja ghandhom l-hekk imsejjah effett dirett u dan bil-ghan illi din il-Qorti tgharaf jekk id-Direttiva mertu ta' din il-kawza ghandhiex l-hekk imsejjah effett dirett u jekk is-socjeta` attrici u dik intervenjenti kellhomx wara kollox id-dritt illi jinvokawha quddiem il-Qrati lokali. F'dan is-sens, il-gurisprudenza Ewropeja pronuncjat ruhha diversi drabi (Ara kaz **"Van Duyn"** li saret referenza ghalih iktar 'il fuq u l-kaz **"Ratti" –** Kaz 148/78, [1979] ECR 1629) fejn inghad illi fil-kaz ta' Direttivi, sabiex jigi determinat l-effett dirett *o meno* taghhom, wiehed ghandu jhares lejn id-data entru liema d-Direttiva kellha tigi implimentata fl-Istati Membri. Jidher car illi wara d-data illi fiha Direttiva ghandha tigi implimentata mill-Istat Membru, anke jekk din ma tkunx giet implimentata, jibda jkollha effett dirett u ghalhekk tista' tigi invokata mill-individwi quddiem il-Qrati nazzjonali. Fil-kaz in ezami, id-Direttiva 2002/20/EC fil-fatt giet trasposta fil-ligi Maltija kif inghad iktar 'il fuq u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar l-effett dirett *o meno* ta' din id-Direttiva. Jinghad illi anke, jekk kellu jkun hemm nuqqas ta' effett dirett tad-Direttiva in kwistjoni, din il-Qorti, hija taht obbligu skond il-Kostituzzjoni illi taghmel kwalunkwe interpretazzjoni fid-dawl tal-ligi Komunitarja u ghalhekk in ogni kaz, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tad-Direttiva u dan in linea mal-principju ta' l-effett indirett (*doctrine of indirect effect*) ukoll zviluppata mill-Qrati Ewropej (Ara **"Von Colson and Kamann v. Land Nordrhein-Westfalen"** – Kaz. 14/83, [1984] ECR 1891)).

Illi dwar l-applikazzjoni tal-istess Direttiva u l-effett taghha fil-kaz odjern jinghad li s-socjeta` attrici u dik intervenuta fil-kawza qed jikkontendu illi l-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa introdotta permezz ta' l-**Att II ta' l-2005** tivvjola l-**artikolu 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20**. Illi l-**artikoli 12 u 13 tad-Direttiva** jipprovdu dwar hlasijiet amministrattivi u dwar tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' facilitajiet u dwar dawn jipprovdu hekk kif isegwi:-

**Artikolu 12:**

*"Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew network taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun*
*ingħata dritt ta' użu, għandu:*

*(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'artikolu 6 (2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, solveljanza tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u*

*(b) jiġi mpost fuq impriżi ndividwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom.*

*2. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu ħlasijiet amministrattivi, għandhom jippublikaw rapport ta' kull sena ta' l-ispejjeż amministrattivi tagħhom u tas-somma totali ta' ħlasijiet miġbura. Fid-dawl tad-differenza bejn is-somma totali tal-ħlasijiet u l-ispejjeż amministrattivi, għandhom isiru l-aġġustamenti xierqa."*

*Artikolu 13:*

*"L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi, minn fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aqwa użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni ma' l-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru)."*

Illi ghas-soluzzjoni tal-pendenza odjerna jehtieg li ssir analizi tat-tifsira kemm ta' "hlasijiet amministrattivi" kif ukoll ta' "tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' facilitajiet". Fir-rigward ta' hlasijiet amministrattivi, id-Direttiva ghalkemm ma taghtix definizzjoni taghhom, in-natura taghhom tista' tittiehed mill-iskop illi ghalihom huma intizi provduta fid-Direttiva nnifisha. Il-premessi tad-Direttiva huma intizi sabiex jirregolaw l-ghoti ta' awtorizzazzjoni mill-Awtoritijiet kompetenti ta' kull pajjiz sabiex jigu provduti servizi eletronici *inter alia*, jipprovdu illi hlasijiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti fuq l-imsemmija fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u dan sakemm l-istess huma intizi sabiex jirreflettu l-ispiza li tkopri l-attivitajiet ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u fl-għoti ta' drittijiet ta' użu. Fi kliem iehor dawk il-ħlasijiet għandhom ikunu limitati li jkopru in-nefqa amministrattiva attwali għal dawk l-attivitajiet. L**-artikolu 12 (a)** hawn fuq citat fil-fatt jispecifika ghal x'hiex ghandhom ikunu intizi l-hlasijiet amministrattivi. Illi in kwantu ghat-tariffi imsemmija fl-**artikolu 13**, id-Direttiva tispecifika illi dawn jistgħu per eżempju jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li ma jistgħux jiġu koperti bil-ħlasijiet amministrattivi. L-istess jipprovdu l-**artikolu 17 u 18 tal-Kap. 399 – Att biex Jirregola l-Komunikazzjoni Elettronici.**

Illi jirrizulta car illi d-dazju tas-sisa impost fuq il-fornituri tas-servizz jistax jigi kkunsidrat la bhala hlas amministrattiv u lanqas bhala tariffa li ghalih huwa suggett

il-fornitur jew l-operatur ta’ servizz sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni mehtiega skond il-ligi u skond l-istess Direttiva sabiex jopera. Dan jidher illi huwa accettat anke mis-socjeta` attrici li fil-fatt tirrikonoxxi illi id-dazju impost fuq l-operaturi m’huwiex hlas amministrattiv ai termini tad-Direttiva u anke ta’ Kap. 399 tant li fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-istess datata 8 ta’ Awissu 2006 jghid li dan fil-fatt huwa dazju u ma ghandu ebda ness ma’ *administrative charges u licence fees* (fol. 165).

Illi jidher ghalhekk li ghalkemm l-istess Direttiva ghandha wkoll l-iskop li tillimita l-hlasijiet li jistghu jintalbu minghand l-operaturi fit-telekomunikazzjoni sabiex ikunu jistghu jaghmlu dan f’Istat membru jidher li din id-Direttiva ma tillimitax id-dritt ta’ l-Istat Membru li jimponi taxxa fuq certu servizzi li jigu provduti mill-istess operaturi. L-Artikoli invokati mill-atturi, jekk *semmai* jaghmlu xi restrizzjonijiet, dawn jaghmluhom esklussivament in kwantu ghal dak illi jirrigwarda l-hlasijiet amministrattivi u t-tariffi relattivi ghall-awtorizzazzjoni u/jew licenzja moghtija lilhom mill-Awtorita` kompetenti sabiex dawn ikunu jistghu joperaw.

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li l-Awtorita’ kompetenti ma kenitx involuta fl-imposizzjoni ta’ tali dazju, u tali dazju ma kienx impost bhala kundizzjoni ghall-hrug ta’ xi licenzja jew awtorizzazzjoni sabiex l-istess operatur jew operaturi registrati bhala tali skond il-ligi jkunu jistghu joffru s-servizzi taghhom f’dan il-pajjiz, tant li d-dazju tas-sisa huwa ikkunsidrat bhala taxxa mposta mill-Istat Membru u konsegwentement din il-Qorti thoss li l-istess taxxa ma taqghax fil-parametri ta’ dawn iz-zewg artikoli tal-istess Direttiva u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib ksur ta’ Direttiva 2002/20 fuq din il-bazi.

Illi jinghad, in kwantu ghas-sentenzi mghotija mill-Qorti Ewropeja, citati mis-socjeta` attrici, “**Albacom Spa u Infostrada Spa v. Ministero del Tesoro, del Bilancio e della Programmazione Economica and Ministero delle Comunicazioni”** (C-292/01) u (C-293/01), decizi nhar 18 ta’ Settembru, 2003, dawn gew istitwiti fil-kuntest ta’ allegat ksur ta’ l-**artikolu 11 tad-Direttiva 97/13/EC** (id-

Direttiva li giet sostitwita bid-Direttiva 2002/20/EC). **L-artikolu 11** kien jipprovdi illi:

*"Member States shall ensure that any fees imposed on undertakings as part of authorization procedures seek only to cover the administrative costs incurred in the issue, management, control and enforcement of the applicable individual licences …"*

Illi din il-Qorti tirrimarka illi dan l-artikolu ma giex riprodott fid-Direttiva 2002/20/EC ghalkemm jinghad li l-artikoli llum citati mill-istess direttiva huma simili ghall-istess. Dak il-kaz kien jikkoncerna kaz ta' hlasijiet li kienu imposti fuq operaturi ta' mezzi ta' telkomunikazzjoni sabiex l-istess jinghataw permess sabiex joperaw u tali hlasijiet kienu imposti fuq it-*turnover* tal-istess socjetajiet – b'dan ghalhekk l-Qorti rreteniet li kien hemm ksur tal-istess direttiva peress li l-istess imposta kienet mahruga direttament fuq l-operatur stess minhabba l-fatt li l-istess kien awtorizzat li jopera fis-settur tal-komunikazzjoni, tant li l-istess charge kienet imposta fuq *'it-turnover"* kollu tal-istess operatur.

Illi fil-kaz odjern tali imposta ma hijiex marbuta mal-ghoti tal-istess awtorizzazzjoni jew licenzja lill-operatur, u lanqas hija kkalkolata fuq it-*turnover* tal-istess operatur, izda hija taxxa imposta fuq il-konsum ta' certu servizzi (*"leasing of lines" u "top up vouchers"* provduti mill-istess operaturi, u dan kif jidher car mill-**artikolu 1 tal-Att II tal-2005** li dahal l-istess taxxa tas-sisa bhala **Taqsima G tal-Kap 382 – *Excise Duty Act,*** liema disposizzjoni tinsab citata fl-intier taghha fin-*Notice to Members* mahrug mill-Kumitat tal-Petizzjojnijiet tal-Parlament Ewropew datata 3 ta' Frar 2006 wara petizzjoni Numru 131/2005 li saret minn **Oison Jones-Dillon** proprju fuq dan il-kaz (fol. 196 u *a tergo* fol. 209).

Illi jirrizulta wkoll li l-istess taxxa ta' sisa hija imposta direttament, kif anke jirrizulta mix-xhieda f'din il-kawza, fuq il-konsum attwali mill-konsumatur ta' servizzi specifici provduti mill-operaturi b'dan ghalhekk li ma jistax jinghad li l-istess imposizzjoni ta' dazju ma hijiex imposta finanzjarja

biss sabiex wiehed ikun jista' jopera, izda hija taxxa vera u proprja bhal ma hija t-taxxa fuq id-dhul, taxxa fuq id-dhul kapitali u *value added tax* li ma humiex oggett ta' regolamentazzjoni taht id-Direttiva 2002/20 citata mis-socjeta' attrici, b'dan ghalhekk li allura il-kaz ta' **'Albacom and Infrostrada"** huwa differenti minn dak odjern peress li f'dak il-kaz il-ligi Taljana Numru 448 tat-23 ta' Dicembru 1998 u id-digrieti ministerjali tal-21 ta' Marzu 2000 kien jipprovdu proprju ghall:-

*"un <u>contributo sulle attivita' di installazzione e fornitura di reti di telecomunicazioni pubbliche, di fornitura</u> al pubblico di servizi di telefonia vocale e di servizi di comunicazione mobile e personali; il contributo e' dovuto dai titolari di concessioni di servizi di telecomunicazione pubbliche, ovvero di licenze per l'istallazione e la fornitura di reti di telecomunicazione pubbliche, per servizi al pubblico di telefonia vocale o di comunicazione mobile e personale".*

*"Tale contributo e' determinato per il 1999 nella misura del 3 per cento, per il 2000 nella misura del 2,7 per cento, per il 2001 nella misura del 2,5 per cento, per il 2002 nella misura del 2 per cento e per il 2003 nella misura dell'1,5 per cento, calcolato <u>sul fatturato relattivo a tutti i servizzi e prestazioni di telecomunicazioni dell'anno precedente</u>".*

Illi din il-konkluzjoni hija konfortata mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea datata 8 ta' Settembru 2005 fl-ismijiet (C – 544/03) **"Mobistar SA v. Comune de Floron"** u (C-545/03) **"Belgacom Mobile SA vs. Comune de Schaerbeek"** (fol. 110) fejn il-kazi kienu jirrigwardaw l-imposizzjoni ta' taxxa fuq *"transmission pylons, masts and antennae for GSM"* u fuq *"tax on external antennae and amending a regulation imposing a tax on satellite dishes'* rispettivament fejn inghad li:-

*'It is necessary to point out at the outset that the event which gives rise to the taxes on communications infrastructures is not an issue of licences. Therefore Directive 97/13, which was relied on by Mobistar at the hearing, is not applicable to the facts of the case".*

*“Tax measures applying to mobile communications infrastructures are not covered by article 3c of Commission Directive 90/388/ECC of 28 June 1990 on competition in the markets for telecommunication services, as amended, with regard to the implementation of full competition in telecommunications markets, by the Commission Directive 96/19/EC of 13 March 1996….”*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-imposizzjoni ta’ taxxa tas-sisa kif proposta fl-istess Att II tal-2005 ma jirrizultax li tikser id-Direttiva 2002/20 u dan ghaliex almenu bl-istess Direttiva ma jirrizultax li l-Istat gie limitat milli jimponi taxxa fuq servizzi proveduti minn operaturi ta’ telekomunizzjonijiet, u jirrizulta li kif inghad minn Saviour Gauci, Direttur Generali fil-Ministeru tal-Finanzi, li l-istess dazju ta’ sisa m’huwiex kalkolat fuq in-negozju ta’ l-operaturi izda purament fuq il-prezz ta’ certu servizzi ghall- konsum provduti minnu, b’dan ghalhekk li dak li jaghti lok ghall-hlas tat-taxxa ma kienx marbut mal-awtorizzazzjoni tal-operatur li jipprovdi tali servizz, izda hija marbuta mal-konsum tas-servizz u diretta lejn l-utent tal-istess servizz fil-mument tal-akkwist tal-istess servizz milqut mill-istess taxxa.

Illi f’dan is-sens, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax l-Opinjoni tal-Kummissjoni wara l-**Petizzjoni Nru. 131/2005 ta’ Oisin Jones-Dillon** fuq l-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa li wkoll irriteniet illi din it-taxxa ma taqax fl-ambitu tad-**Direttiva 2002/20/EC**, liema decizjoni giet segwita mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew f’ittra datata 5 ta’ Mejju 2006 (Dok. “IPCP” – fol. 231), u dan jidher li huwa bbazat fuq dak li gie ritenut fil-kawzi citati ta’ **“Mobistar Sa vs Commune de Fleron”** (C-544/03) u “**Belgacom Mobile SA vs Comune de Schaerbeek”** (C-545/03) u b’hekk ma jirrizultax li hemm xi ksur tal-istess Direttiva u ta’ xi dritt Komunitarju.

Illi dwar il-punt imqajjem mill-Awtorita’ konvenuta li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur u dan peress li hija ma hijiex l-awtorita` kompetenti u responsabbli ghat-tfassil u/jew emendar ta’ l-**artikoli 40 u 41 ta’ l-Att II ta’ l-2005** jinghad li l-**Att Ghat-Twaqqif ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-**

**Komunikazzjoni [Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta]** u senjatament l-**artikolu 4** ta' dan l-Att illi jirregola l-ghan, il-funzjonijiet u s-setghat ta' l-Awtorita` jeskludi mansjonijiet illi jirrigwardaw imposizzjoni ta' taxxa fuq il-fornitur tas-servizz. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u l-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni kellha, anke li kieku gew michuda l-eccezzjonijiet l-ohra, f'kull kaz tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni** ta' l-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju u fil-waqt li **tilqa' t-tielet eccezzjoni** tal-konvenuti l-Avukat Generali, l-Kontrollur tad-Dwana u l-Ministeru tal-Finanzi, **tichad it-talbiet attrici peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.**

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Awtorita` ta' Malta ghall-Komunikazzjoni kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------